# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' April 2002**

**Numru 3**

**Avviz. numru 880r/01mm**

**Joseph Cassar**

**vs**

**Maltacom plc**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-18 ta' Ottubru 2001 fejn wara li ppremetta illi b'sentenza deciza minn dina l-Qorti fis-16 ta' Dicembru 1999 fl-ismijiet *Maltacom plc vs Joseph Cassar* (Avviz Nru 1245/99mm) l-istanti Joseph Cassar (konvenut f'dawk il-proceduri) gie kkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' tlett mija u erbgha u ghoxrin lira u wiehed u tmenin centezmi (Lm324.81c), flimkien mall-ispejjez u l-imghax, rapprezentanti ammonti arretrati dovuti lill-istess socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz tat-*telephone* bin-numru 344775 u

dana wara talba tal-konvenut ghall-istallazzjoni ta' linja tat-*telephone;*

Illi s-socjeta' Maltacom plc kienet taf li ma kienx ghadu joqghod fl-indirizz 82 Triq il-Bajja ta' San Gorg, San Giljan, stante li hu stess kien applika maghha biex inehhi s-servizz tal-linja 344775 minn hemm wara li biegh l-istess fond fit-23 ta' Dicembru 1991 u mar joqghod fil-fond Lete Triq l-Aruka, Attard u fl-istess hin applika maghha ghas-servizz fuq il-fond ta' H'Attard liema servizz inghata fuq in-numru 436740;

Illi l-istanti f'dawk il-proceduri ma giex notifikat skond l-artikolu 187(1) u (3) Kap 12 stante li pubblikazzjoni saret biss fil-Gazzetta tal-Gvern.

Billi s-socjeta' Maltacom plc ottjeniet sentenza bi frodi a tenur ta' l-artikolu 811(a) Kap 12 stante li kienet taf ghax giet informata mill-istanti stess li ma ghadux joqghod fl-indirizz 82 Triq San Gorg, San Giljan u minkejja dan insistiet li tohrog notifika fuq dak l-indirizz;

Illi hemm lok ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet Maltacom plc vs Joseph Cassar (Avviz 1245/99mm) skond l-Artikolu 811(a) u (b) Kap 12.

Billi l-istanti sar jaf bis-sentenza fuq citata tas-16 ta' Dicembru 1999 permezz ta' ittra mibghuta mis-socjeta' konvenuta fl-indirizz sew tieghu f'H'Attard (original esebita bhala Dok A) bid-

data 13 ta' Settembru 2001 u ghalhekk ghadu ma skadiex it-terminu tal-Artikolu 818 (1) (b) Kap 12.

Talab il-ghalhiex il-Qorti ma kellhiex:

1. Tiddikkjara li l-istanti fil-proceduri fuq riferiti mibdija bl-avviz 1245/99mm ma giex notifikat skond il-ligi u li s-socjeta' Maltacom plc ottjeniet sentenza fl-istess proceduri bi frodi;

2. Tirrevoka konsegwentement is-sentenza fl-ismijiet Maltacom plc vs Joseph Cassar deciza fis-16 ta' Dicembru 1999;

3. Tordna li l-istess kawza tigi ritratta;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi:

1. In-nullita tac-citazzjoni stanti li ma gietx prezentata mac-citazzjoni n-nota kontemplata mill-artikolu 817 tal-Kap 12.

2. Illi t-talbiet attrici ghar-ritrattazzjoni ghandhom jigu respinti ghaliex kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza n-notifika ta' l-avviz numru 1245/99mm saret skond il-ligi u s-socjeta' konvenuta ma ottjenietx sentenza fl-istess proceduri bi frodi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi b'verbal maghmul fis-seduta tal-5 ta' Marzu, 2002 is-socjeta' konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni preliminari taghha u ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi immedjatament biex tikkonsidra l-meritu rigwardanti l-ewwel zewg talbiet ta' l-attur.

Irrizulta mill-provi illi f'xi zmien l-attur odjern kien joqghod fil-fond 82 Triq il-Bajja San Gorg, San Giljan. Xi ghaxar snin ilu dan il-fond inbiegh, u llum twaqqa u minn floku hemm *disco* u blokk ta' appartamenti fuqu. Originarjament f'dan il-fond kien hemm is-servizz tat-*telephone* bin-numru 344775 u wara illi l-attur hareg minn dan il-fond u mar joqghod H'Attard, applika u ottjena linja gdida f'ismu. Sadanittant ma semgha xejn aktar fuq is-servizz illi kien hemm San Giljan. Jidher pero' illi s-socjeta' konvenuta baqghet tirrikonoxxi lill-attur Joseph Cassar bhala t-titular ta' dan is-servizz u meta rat illi ma kienx qed jigi utilizzat, kompliet tippretendi l-hlas tal-kera biex imbaghad fl-ahhar waslet biex taghmel l-avviz bin-numru 1245/99 illi gie deciz fis-16 ta' Dicembru 1999.

L-attur odjern qieghed jilmenta illi ma giex validament notifikat b'dan l-avviz minkejja li s-socjeta' konvenuta ottjeniet sentenza favur taghha.

Irrizulta mill-provi illi fil-fatt din is-sentenza giet ottjenuta tramite n-notifika bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern f'liema pubblikazzjoni gie ndikat l-indirizz 82 Triq il-Bajja San Gorg, San Giljan bhala l-post residenzjali ta' l-attur.

L-attur sar jaf bis-sentenza wara li rcieva ittra minghand is-socjeta' konvenuta bid-data 13 ta' Settembru 2001 liema ittra ntbaghtet fil-fond tieghu H'Attard. Wara, beda dawn il-proceduri sabiex jitlob li l-kawza originali tinstema mill-gdid.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Aquilina vs Lawrence Ciantar (Vol LXX VI pt iv pg 666) il-Qorti kienet qalet illi min jallega li ma giex debitament notifikat ghandu jgorr l-oneru illi jipprova tali allegazzjoni u jrid ukoll jipprova soddisfacentement li hu ma kellu l-ebda htija f'dak illi gara.

Irrizulta f'din il-kawza illi l-attur odjern ma giex notifikat bil-kawza illi kienet ghamlet is-socjeta' konvenuta kontra tieghu. L-ewwel attentat ghan-notifika ma kienx irnexxa peress illi l-pustier nizzel l-indirizz originarjament moghti bhala *"unknown".* Dana huwa spjegabbli ghaliex il-fond Numru 82 Triq il-Bajja ta' San Gorg San Giljan m'ghadhux aktar jezisti. Meta s-socjeta' konvenuta rat dan, ma kellhiex triq ohra hlief tipprova n-notifika

tramite l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, izda anke hawnhekk l-indirizz ta' l-attur gie moghti San Giljan.

Il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut ghandu ragun jilmenta illi huwa ma giex validament notifikat. Veru li n-notifika bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern hija procedura rikonoxxuta mill-Ligi, izda l-Qrati ma tantx jaraw din in-notifika bhala wahda b'certa gustizzja morali.

Tant hu hekk illi fil-kawza fl-ismijiet Anthony Cremona vs Agent Registratur tal-Qorti Prim Awla deciza fil-5 ta' Ottubru,1993 il-Qorti kienet qalet fost affarijiet ohra *"….zgur li dan il-metodu (ta' pubblikazzjoni) ghandu dejjem jitqies bhala lanqas effettiv u l-aktar odjuz b'sens ta' gustizzja u ghandu jigi wzat biss in extremis…"* Veru illi f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta tidher illi ma kellhiex triq ohra, imma almenu l-indirizz ta' l-attur messu tqieghed korrettament, ghax mhuwiex mistenni illi apparti din il-procedura deskritta odjuza, tkun ukoll zbaljata fis-sens illi l-indirizz ikun hazin. F'dan il-kaz allura jidher illi jikkonkorru l-elementi kollha sabiex l-attur gustament jinvoka favur tieghu d-dritt tar-ritrattazzjoni u jkun gust u ekwu illi l-avviz numru 1245/99 fl-ismijiet *Maltacom plc vs Joseph Cassar* jinstema' mill-gdid.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talbiet ta' l-attur. Tiddikjara illi l-proceduri fl-avviz numru 1245/99mm partikolarment in-notifika ta' l-attur ma saritx skond il-ligi u konsegwentement tirrevoka s-

sentenza fl-ismijiet *Maltacom plc vs Joseph Cassar* deciza fis-16 ta' Dicembru 1999 u tordna illi l-istess kawza tigi mismugha u trattata mill-gdid.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit
Dep Reg